

Brussell, 22 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14210/17

SPORT 93
EDUC 409
JEUN 144
EMPL 543
SOC 711

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13433/17	SPORT 79 EDUC 377 JEUN 128 EMPL 499 SOC 656
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Novembru 2017)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà, adottati mill-Kunsill fit-3577 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Novembru 2017.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati
Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar ir-rwol tal-kowċis
fis-soċjetà**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET
TAL-ISTATI MEMBRI,

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet sportivi Ewropej, waqt li tikkunsidra n-natura speċifika tal-isport, l-istrutturi tiegħu bbażati fuq l-attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu;
2. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta t-tielet Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2017-2020) fit-23 ta' Mejju 2017, li ddefinixxa l-isport u s-soċjetà bħala temi prijoritarji għall-kooperazzjoni tal-UE fil-qasam tal-isport u r-rwol tal-kowċis bħala wieħed mis-suġġetti ewlenin;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI

3. Matul dawn l-aħħar deċennji, is-soċjetà nbidlet ħafna u, minħabba l-iżviluppi fit-teknoloġija, l-ekonomija u l-istruttura soċjali, il-ġenerazzjonijiet tal-lum qed jaffaċċjaw għadd ta' sfidi ewlenin:
 - a. l-attività fiżika tal-popolazzjoni qed tonqos¹, bi tħassib partikolari li t-tfal u l-adolesxenti mhumiex qed jagħmlu biżżejjed attività fiżika għall-iżvilupp tagħhom²;

¹ Ewrobarometru 412
(http://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/archives/ebs/ebs_412_en.pdf).

² Rapport tal-kummissjoni dwar it-tmiem tal-obeżità fit-tfal, WHO 2016
(http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/204176/1/9789241510066_eng.pdf?ua=1&ua=1).

- b. stil ta' ħajja sedentarju u obeżeniku flimkien ma' problemi ta' saħħa relatati ma' stennija ta' ħajja itwal jimponu piż li qed jikber fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa, l-ekonomija u s-soċjeta³⁴;
- c. f'xi Stati Membri tal-UE l-qgħad qed jiżdied, b'mod partikulari fost iż-żgħażaġħ⁵;
- d. Is-soċjetajiet Ewropej qed jaffaċċjaw sfidi biex jibqgħu koeżivi u inklużivi u kif jindirizzaw gruppi li qegħdin f'riskju ta' marġinalizzazzjoni: il-migranti u r-refuġjati⁶, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u ż-żgħażaġħ soċjalment vulnerabbli⁷;
- e. iż-żieda fil-mobilità tħalli impatt fuq oqsma soċjali, bħas-suq tax-xogħol, il-koeżjoni kulturali, is-servizzi soċjali, u l-ambjent;
- f. l-isfidi etiċi fl-isport qed jiżdiedu;

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa, 2013

(<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2013:354:0001:0005:EN:PDF>).

⁴ The economic cost of physical inactivity in Europe, Rapport ta' ISCA, 2015 (<http://inactivity-time-bomb.nowwemove.com/report>).

⁵ Statistika dwar il-qgħad, Eurostat, 2017 (http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Unemployment_statistics#Youth_unemployment_trends).

⁶ Dan id-dokument jirreferi għall-integrazzjoni tal-migranti u r-refuġjati skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE, adottati fid-9 ta' Diċembru 2016 (15312/16).

⁷ Gruppi li jkollhom riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali mill-popolazzjoni ġenerali. Il-minoranzi etniċi, il-migranti, il-persuni b'diżabbiltà, daww bla saqaf fuq rashom, daww bi problemi ta' abbuż mid-droga, l-anzjani u ż-żgħażaġħ iżolati, kollha jaffaċċjaw, ta' spiss, diffikultajiet li jistgħu jwasslu għal aktar esklużjoni soċjali, bħal livelli baxxi ta' edukazzjoni u qgħad jew sottoimpjeg.

4. L-iżvilupp teknoloġiku rapidu ser jirriżulta f'aktar awtomatizzazzjoni tal-impjiegi, u potenzjalment joħloq ukoll aktar ħin għar-rikreazzjoni⁸. Madanakollu, billi t-teknoloġija tal-informazzjoni tagħmel il-passatempo passivi aċċessibbli b'mod faċli, il-ħin liberu qiegħed ikun iddedikat dejjem aktar għal divertiment popolari bbażat fuq il-kompjuter, li jwassal għal rati saħansitra ogħla ta' inattività fiżika;

FILWAQT LI JENFASSIZZAW LI

5. B'mod parallel, matul l-aħħar deċennji, l-isport inbidel u ser ikompli jinbidel, biex jirrifletti trasformazzjonijiet soċjokulturali usa': id-demokratizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-isport wessgħu l-ambitu tiegħu billi żdied sport ġdid, żdied l-aċċess għan-nisa għal sport li tradizzjonalment huwa “dominat mill-irġiel” u permezz tal-multiplikazzjoni ta' faċilitajiet tal-isport; żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-importanza tal-isport u l-attività fiżika għas-saħħa u l-iżvilupp personali; trawwim tal-potenzjal tal-isport għall-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll fil-kummerċjalizzazzjoni li mexxiet in-negozju, l-intraprenditorija u l-kummerċ;
6. L-isport u l-attività fiżika relatata jistgħu jikkontribwixxu fis-soċjetà billi jgħinu biex jiġu indirizzati ħafna mill-isfidi li ssemew hawn fuq u, fl-istess ħin biex jiġi żviluppat il-valur soċjali uniku tiegħu:
- a. bħala qasam li jinkludi attivitajiet li għandhom impatt pożittiv fuq il-benesseri, is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tan-nies ta' kull età;
 - b. bħala fenomenu soċjali li jiġbor in-nies flimkien, joħloq il-koeżjoni fis-soċjetà fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak internazzjonali, iżid l-attività taċ-ċittadini, jippromwovi l-logħob ġust u jiffavorixxi valuri komuni⁹ bejn in-nies kollha irrispettivament mir-reliġjon, in-nazzjonalità, il-pożizzjoni soċjali jew l-isfond kulturali tagħhom;

⁸ Skont l-istimi, 54% tal-impjiegi tal-UE huma friskju ta' awtomatizzazzjoni ("Technology at work. The Future of Innovation and Employment", Carl Benedikt Frey, Michael Osborne et al, Oxford Martin School at the University of Oxford and Citi Global Perspectives & Solutions, 2015) (<http://www.oxfordmartin.ox.ac.uk/publications/view/2092>).

⁹ Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi (Artikolu 2 tat-TUE).

- c. billi jtejjeb il-ħin liberu permezz ta' attivitajiet li jippromwovu l-iżvilupp personali u jiffaċilita l-kisba ta' ħiliet soċjali kif ukoll ħiliet essenzjali oħra għall-parteċipanti kollha u billi jiżviluppa l-kapital uman;
- d. billi jstimula l-involviment fl-attività volontarja li tikkontribwixxi għall-parteċipazzjoni soċjali;
- e. billi tiġi żviluppata t-teknoloġija, il-materjali u l-għarfien għall-prestazzjoni, minn oġġetti li jintlibsu, ħwejjeġ u nutrizzjoni sa proċeduri tal-eżerċizzju, li bbenefikaw minnhom diversi partijiet tal-popolazzjoni, inkluż l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà permezz tal-effiċjenza, is-sikurezza u r-riabilitazzjoni fix-xogħol u r-rikreazzjoni;
- f. billi jippromwovi l-iżvilupp urban għall-ħtiġijiet kulturali u soċjali taċ-ċittadini kif ukoll fuq kuxjenza ambjentali;
- g. permezz tal-impatt ekonomiku tiegħu sinifikanti u dejjem jikber¹⁰;

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXU LI

- 7. Il-kowċis għandhom rwol importanti fl-isport, billi, permezz tat-tmexxija u l-gwida tagħhom, huma jħallu impatt fuq l-għarfien, il-ħiliet, il-prospetti, l-aspirazzjonijiet, is-saħħa, il-benesseri u l-valuri tal-parteċipanti. Huwa stmat li hemm minn 5 sa 9 miljun kowċ fl-Ewropa, li jinfluwenzaw minn 50 sa 100 miljun Ewropew¹¹;
- 8. Il-kowċis huma l-persuni li jipplanaw u jagħtu t-taħriġ sportiv, billi japplikaw ħiliet u għarfien dimostrabbli għall-prestazzjoni, ir-rikreazzjoni jew il-miri tas-saħħa b'mod sigur;
- 9. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kowċis għandhom jinftiehm u li huma kowċis sportivi, li huma:
 - a. nisa u rġiel b'kompetenzi bbażati fuq taġlim formali, nonformali u informali ta' kkowċjar sportiv;

¹⁰ Il-proporzjon tal-isport mal-valur miżjud gross totali huwa stmat għal 1.76%, li jammonta għal EUR 174 biljun. Għall-UE kollha, il-kontribut tal-impjieg relatati mal-isport fl-impjieg totali huwa stmat għal 2.12%, li jammonta għal 4,5 miljun persuna (Study on the Contribution of Sport to Economic Growth and Employment in the EU (2012) Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura).

¹¹ http://www.coachlearn.eu/_assets/files/project_documents/coachlearn-project-summary-website-june-2015.pdf

- b. atleti ta' prestazzjoni li jmexxu u jiggwidaw kif ukoll parteċipanti rikreazzjonali;
 - c. impjegati professjonali kif ukoll volontarji;
10. Il-ħidma tal-kowċis hija assoċjata ma' responsabbiltà, ħiliet u kompetenzi, li huma deskritti fil-kwalifiki tal-ikkowċjar tal-pajjiżi u dawk tal-organizzazzjonijiet sportivi;
11. It-taħriġ tal-kowċis u r-rekwiżiti għall-kwalifiki tal-ikkowċjar huma differenti minn pajjiż għal ieħor. L-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki (QNK) jew is-sistemi li ssir referenza għalihom fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) iservu ta' għodda biex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn pajjiżi differenti sabiex tiġi promossa t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kompetenzi u l-kwalifiki fil-livelli nazzjonali u dak Ewropew għall-iskopijiet tal-mobbiltà u t-tagħlim tul il-ħajja;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI

12. Il-kowċis huma fost il-personalitajiet ewlenin tal-isport li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi li taffaċċja s-soċjetà, billi fost kompiti oħra, skont xi jkunu r-rwoli, il-pożizzjonijiet, kif ukoll il-kuntest tal-ikkowċjar tagħhom, huma jistgħu:
- a. jinfluwenzaw l-esperjenza sportiva u ta' attività fiżika l-aktar bikrija ta' individwu, filwaqt li jappoġġaw l-iżvilupp ta' drawwiet relatati mal-isport, u jipparteċipaw fil-ħolqien ta' benefiċċji soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-kultura tal-isport;
 - b. għandhom rwol soċjali dejjem akbar fl-iżvilupp personali ta' parteċipanti sportivi, speċjalment ta' atleti zgħażaġh, billi jkunu mudelli pożittivi, billi jrawmu fihom il-motivazzjoni u l-fiduċja fihom infushom, u jinfluwenzaw il-valuri, l-imġiba u l-ħiliet soċjali tagħhom;
 - c. għandhom pożizzjoni unika biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi, biex jgħallmu r-rispett għall-valuri komuni¹², id-diversitajiet u l-promozzjoni tal-attività fiżika fil-gruppi soċjali kollha;

¹² Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi (Artikolu 2 tat-TUE).

- d. jiddefendu u jiżviluppaw l-integrità tal-isport u r-regoli tal-kompetizzjoni ġusta, kif ukoll huma minn tal-ewwel li jistgħu jintervjenu billi juru dmir ta' diliġenza meta jinqalgħu l-problemi, pereżempju fil-logħob mixtri, id-doping, il-vjolenza, l-isfruttament tal-minorenni, eċċ.;
- e. imexxu servizzi tal-ħin tar-rikreazzjoni relatati mal-isport u l-attività fiżika u jipparteċipaw f'innovazzjoni relatata mal-isport, inkluż oġġetti, servizzi u metodi ta' taħriġ;
- f. isawru l-esperjenza sportiva għal partijiet ikkonċernati importanti oħra, bħall-membri tal-familja tal-atleti, l-ispettaturi u l-partitarji, u partijiet ikkonċernati soċjali oħra, li l-impatt tagħhom imur lil hinn mill-isport u jestendi f'oqsma ewlenin oħra;

FID-DAWL TA' DAN TA' HAWN FUQ, JAQBLU LI

- 13. Fil-kuntest tad-diversi sfidi li qed taffaċċja s-soċjetà, fejn l-isport għandu l-funzjoni unika li jikkontribwixxi sabiex isolvi dawn l-isfidi, ir-rwol tal-kowċis, li huwa prinċipalment speċifiku għall-isport, qed jespandi f'qasam ta' attivitajiet li għandu impatt usa' fuq l-iżvilupp tas-soċjetà u tan-nies. Dan ir-rwol tal-kowċis fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp olistiku tal-parteċipanti, jixbah lir-rwol ta' għalliem fl-educazzjoni, b'mod partikolari fost it-tfal u ż-żgħażaġh;
- 14. Il-kwistjonijiet ewlenin rigward il-kowċis bħalissa jinkludu:
 - a. ir-rikonoxximent tal-importanza dejjem tiżdied tar-rwol tal-kowċis mis-soċjetà;
 - b. is-sensibilizzazzjoni fost il-kowċis stess dwar l-importanza tar-rwol tagħhom, l-opportunitajiet u r-responsabbiltajiet relatati, u l-inkoraġġiment ta' aktar żvilupp ta' dan ir-rwol;
 - c. it-twessigħ tal-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja u l-educazzjoni tal-kowċis, fejn applikabbli, sabiex jindirizzaw il-bidliet soċjali, primarjament b'rabta mal-kura tas-saħħa, id-dover tal-kura u fil-qasam tal-ekonomija u l-inklużjoni soċjali;
 - d. il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità fl-ikkowċjar, fejn rilevanti, billi jįždied l-għadd ta' kowċis nisa u persuni minn oriġini soċjali u etnika differenti impjegati u voluntiera fi sports differenti u fil-livelli kollha;

- e. l-appoġġ għall-iżvilupp tal-karriera doppja tal-atleti u l-promozzjoni tal-ikkowċjar bħal professjoni għaż-żgħażaġh;
- f. it-trawwim, kif adegwat, tar-rikonoxximent tal-ikkowċjar bħala professjoni fl-Istati Membri tal-UE permezz tal-promozzjoni tal-kwalifiki tal-ikkowċjar u t-trasparenza tal-kwalifiki tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-isport billi jiġu inklużi fil-QNK li ssir referenza għalihom fil-QEK;
- g. ir-rikonoxximent tar-rwol tal-kowċis voluntiera u jingħataw l-appoġġ rilevanti;
- h. l-iżvilupp tat-taħriġ tal-kowċis, billi tiżdied dimensjoni internazzjonali u transsettorjali għall-edukazzjoni tal-ikkowċjar billi jiġu integrati eżempji tajba u metodi ta' ħidma utli mill-ħidma fost iż-żgħażaġh bħal tagħlim mhux formali u informali permezz tal-isport, il-ħidma ma' persuni bi bżonnijiet speċjali u l-intraprenditorija;

F'DAN IL-KUNTEST, JISTIEDNU

15. L-ISTATI MEMBRI, FILWAQT LI JIEĦDU KONT TAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U L-ISPEĊIFIĊITÀ TAL-ISPORT, LI

- a. jgħinu fil-promozzjoni tar-rwol usa' biex jiġu indirizzati, fejn adegwat, l-isfidi soċjali li taffaċċja s-soċjetà kollha kemm hi;
- b. jappoġġaw programmi edukattivi u kampanji promozzjonali li għandhom l-għan li jżidu l-għadd ta' kowċis kompetenti u li jippermettulhom itejbu l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u l-pożizzjoni tagħhom fih;
- c. jaqsmu l-aħjar prattiki relatati mat-taħriġ tal-kowċis;
- d. jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-federazzjonijiet sportivi u l-organizzazzjonijiet umbrella sportivi rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-kowċis;

- e. jappoġġaw l-iżvilupp tat-tagħlim preċedenti u sistema ta' tagħlim tul il-ħajja għall-kowċis li tinkludi opportunitajiet ta' tagħlim formali, nonformali u informali fil-livelli differenti kollha tal-ikkowċjar;
- f. jirrikonoxxu u jippromwovu l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet umbrella u tan-networks tal-kowċis;
- g. jippromwovu, fis-sistema edukattiva tal-isport, l-approċċ tal-eżiti tat-tagħlim ibbażat kemm fuq il-miri tal-QNK kif ukoll tal-QEK u l-inklużjoni, fejn xieraq, tal-kwalifika tal-ikkowċjar fil-QNK b'referenza għall-QEK;

16. LILL-KUMMISSJONI EWROPEA SABIEX

- a. tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin u ta' linji gwida fl-oqsma tal-edukazzjoni tal-kowċis u l-iżvilupp tal-kwalifiki bejn l-Istati Membri tal-UE u l-organizzazzjonijiet sportivi;
- b. tikkunsidra li tinkludi l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Ħiliet u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani fl-abbozzar ta' linji gwida rigward ir-rekwiżiti bażiċi fil-ħiliet u l-kompetenzi għall-kowċis;
- c. tkompli bil-promozzjoni tal-komparabbiltà tal-kwalifiki tal-ikkowċjar tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet sportivi fil-kuntest tal-QEK;
- d. tagħmel riċerka fil-kuntest tar-rwol tal-kowċis, billi tiffoka partikolarment fuq l-isfidi u l-ostakli f'termini ta' edukazzjoni, mobbiltà u s-suq tax-xogħol, kif ukoll tiġi evalwata l-influwenza tal-ikkowċjar fl-isport fuq l-isfidi l-kbar tas-soċjetà fl-isport u barra minnu;
- e. tuża l-possibiltajiet tal-Fond Soċjali Ewropew, il-programm Erasmus+ u l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport biex tenfasizza u tippromwovi l-benefiċċji tal-ikkowċjar u tinkoraġġixxi l-mobbiltà tal-kowċis;

17. IL-MOVIMENT SPORTIV U PARTIJIET INTERESSATI OĦRA SABIEX

- a. jiżviluppaw, fejn adatt, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet edukattivi, kontenut għat-taħriġ tal-kowċis li jkun aġġornat u jikkorrispondi għall-iżviluppi li għaddejjin fis-soċjetà, inkluż l-għarfien relatat mal-ħiliet soċjali, l-antidoping, il-karriera doppja tal-atleti, il-ħidma fost iż-żgħażaġħ, il-kura tas-saħħa, l-intraprenditorija, id-dover tal-kura, l-ugwaljanza bejn is-sessi, eċċ.;
- b. jaħdmu mal-kowċis biex jiżviluppaw servizzi tal-ħin tar-rikreazzjoni siguri u effettivi, sabiex l-isport jibqa' attraenti u kompetittiv fir-rigward ta' alternattivi rikreazzjonali bbażati fuq il-kompjuter;
- c. jagħmlu l-professjoni tal-ikkowċjar aktar aċċessibbli permezz tat-taħriġ u l-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-kwalifiki tal-ikkowċjar, u fost affarijiet oħrajn, jużaw il-possibiltajiet li tipprovdi t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni llum;
- d. jippromwovu d-diversità fl-ikkowċjar, inkluż aktar aċċess għan-nisa, iż-żgħażaġħ u l-persuni b'diżabbiltà;
- e. jgħinu biex jinkoraġġixxu lill-persuni li jaħdmu bħala kowċis biex ikollhom it-taħriġ neċessarju;
- f. jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja għal kowċis, inkluż permezz tal-validazzjoni tal-kompetenzi u jippromwovu l-iskambju ta' fehmiet, ħiliet u għarfien fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u dak internazzjonali;
- g. jużaw il-Fond Soċjali Ewropew u l-programm Erasmus+ sabiex jappoġġaw il-proċess tat-tagħlim tul il-ħajja tal-kowċis;
- h. jappoġġaw il-mobbiltà tal-kowċis biex jitgħallmu u jiksbu għarfien kulturali, għarfien transsettorjali, ħiliet lingwistiċi u ħiliet ġodda rilevanti oħra;
- i. jaħdmu mad-diversi impjegaturi biex jistudjaw il-ħtiġijiet tagħhom għall-iżvilupp ta' attivitajiet sportivi li jistgħu jinvolvu lill-kowċis sportivi sabiex jippromwovu d-diversità fl-ikkowċjar, inkluż aktar aċċess għan-nisa u ż-żgħażaġħ.